**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT

## LAQGĦA NUMRU 27 – IT-TLIETA, 9 TA’ OTTUBRU 2012 FIS-6.00PM

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Janet Barthet | Membru |

### 1 Minuti Numru 25

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman*

2.1 Is-Sur Alfred Mangion spejga lill-Kumitat li saret laqgħa bejn is-Sindku u ċ-*Chairperson*, kif ukoll laqgħa bejn is-Sindku u ic-CEO ta' TM. Ġie deċiż li tinbagħat ittra lil TM ffirmata mis-Sindku u ċ-*Chairman* fejn tispjega li aħna għadna nsostnu li *Option A* hija ħażina, imma għandhom jiġu mfittxija alternattivi oħra barra *Option B*, minħabba l-impatt li jista’ ikollha.

### 3 Affarijiet Oħra

3.1 Ġie deċiż li jsir ix-xogħol ta' tiswija fis-*softarea* ta' Triq Birkirkara, mill-Kuntrattur tal-Kunsill bi stima ta’ 195 Ewro.

3.2 Ġie deċiż li jitwaħħlu *floodlighting* fiż-*zebra crossing* ta’ Triq Birkirkara kif ġejna gwidati minn TM. Ġie deċiż li tinbagħat ittra lura lil TM biex nistaqsu għalfejn lokalitjiet oħra m’għamlux *floodlighting*.

3.3 Ġiet diskussa l-ittra mingħand TM rigward il-linji mhux awtorizzati fi Triq Birkirkara quddiem il-Veggiemaina. Għandha tinbagħat ittra lil TM biex tintalab *un/loading* minħabba li hemm 6 ħwienet fl-akwata.

3.4 Ġie deċiz li jsiru *refreshing* tal-linji tal-parkeġġ fi Triq il-Kuċċard.

3.5 Ġie deċiż li jinbidlu t-tabelli li ċċaraw li jinsabu fi Ġnien G M Camilleri.

3.6 Is-Sur Salvatore Mousù ppreżenta rapport rigward l-istat li qiegħda fiha l-biċċa art privata li tinsab bejn Triq G Despott u Triq il-Gardell. Hemm ħafna ħmieġ. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lid-Dipartiment tas-Sanità.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru 2012 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |